

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-28 ta' Settembru 2022 – Labaš vs EUIPO (FRESH)**(Kawża T-58/22) <sup>(1)</sup>

*(“Trade mark tal-Unjoni Ewropea – Applikazzjoni għat-trade mark figurattiva tal-Unjoni Ewropea FRESH – Raġunijiet assoluti għal rifjut – Karattru deskrittiv – Artikolu 7(1)(c) u (2) tar-Regolament (UE) 2017/1001 – Assenza ta' karattru distintiv – Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament 2017/1001”)*

(2022/C 463/59)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

Rikorrent: Miroslav Labaš (Košice, is-Slovakkja) (rappreżentant: M. Vasil', avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: M. Eberl u T. Klee, aġenti)

**Suġġett**

Permezz tar-rikors tiegħu bbażat fuq l-Artikolu 263 TFUE, ir-rikorrent jitlob l-annullament tad-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) tal-24 ta' Novembru 2021 (Każ R 610/2021-1).

**Dispożittiv**

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Miroslav Labaš huwa kkundannat għall-ispejjeż.

<sup>(1)</sup> ĠU C 138, 28.3.2022.

**Digriet tal-Qorti Ġenerali tal-14 ta' Settembru 2022 – Dragnea vs Il-Kummissjoni**(Kawża T-738/18 RENV) <sup>(1)</sup>

*(“Investigazzjonijiet esterni tal-OLAF – Rifjut ta' aċċess għall-fajl tal-investigazzjonijiet tal-OLAF – Irtirar u sostituzzjoni tal-att ikkontestat – Għajbien tas-suġġett tat-tilwima – Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni”)*

(2022/C 463/60)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

Rikorrent: Liviu Dragnea (Bukarest, ir-Rumanija) (rappreżentanti: C. Toby, O. Riffaud u B. Entringer, avukati)

Konvenut: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: C. Ehrbar, J. Baquero Cruz u A. Spina, aġenti)

**Suġġett**

Permezz tar-rikors tiegħu bbażat fuq l-Artikolu 263 TFUE, ir-rikorrent jitlob, essenzjalment, l-annullament tal-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) tal-1 ta' Ottubru 2018 li permezz tagħha dan tal-aħħar irrifjuta, minn naħa, li jiftaħ investigazzjoni dwar il-mod kif kien mexxa żewġ investigazzjonijiet u, min-naħa l-oħra, li jagħtih aċċess għal diversi dokumenti.

**Dispożittiv**

- 1) Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni dwar ir-rikors.